**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**MR. HENRY JAMES PEARSALL**

**Illum 6 ta' Ottubru 2015**

**Rikors Numru 212/2012**

**Josef Schultheis**

**Vs**

**Awtorita` Ghat-Trasport f'Malta u il-Ministru Ghall-Finanzi**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Josef Schultheis** ipprezentat fid-19 ta' Lulju 2012 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

1. *Illi l-esponent huwa cittadin tal-Germanja u tal-Unjoni Ewropea u kien jghix il-Germanja sa Lulju 2011;*

2. *Illi fis-sitta (6) ta' Lulju 2011 l-esponent gie jghix Malta;*

3. *Illi fit-tlieta (3) ta' Gunju 2012 l-esponent importa gewwa Malta l-karozza bin-numru B-MM-6501 tat-tip Mercedes-Benz G 320 Cdi, liema karozza ilha proprjeta` tieghu minn Dicembru 2007 u li kien halla warajh fil-Germanja meta ttrasferixxa ruhu hawn;*

4. *Illi fil-hamsa (5) ta' Gunju 2012 huwa applika ghall-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni stante t-trasferiment ta' residenza mill-Germanja ghal Malta, u dan ai termini tal-Art 19 tal-Kap 368 (Dok A);*

5. *Illi permezz ta' ittra datata l-ghoxrin (20) ta' Gunju 2012 (Dok B) l-esponent gie nfurmat bid-decizjoni li t-talba tieghu fuq imsemmija kienet qed tigi michuda;*

6. *Illi l-esponent hass ruhu aggravat bid-decizjoni precitata tal-ghoxrin (20) ta' Lulju, 2012 kif esposta fl-istess ittra senjatament peress illi l-imsemmija decizjoni hija nulla u minghajr ebda effett fil-ligi, ma hijiex konformi mal-ligi, ma hijiex ekwa u gusta u ma tikkonformax ruhha mal-principji tal-gustizzja naturali u dan ghas-sussegwenti ragunijiet:*

7. *Illi l-esponent umilment jissottometti illi l-Ministeru intimat, li finalment jaghti d-decizjoni dwar jekk talba ghall-ezenzjoni mill-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vetturi ghandhiex tigi milqugha o meno, hu marbut li josserva u jirrispetta l-principji tal-gustizzja naturali ferm fondamentali fid-dritt amministrattiv nostrali.*

8. *Illi d-dritt li wiehed jinghata ragunijiet minnu nnifsu jirrikjedi li r-ragunijiet li jinghataw jridu jaghmluha possibbli li l-persuna koncernata tidentifika bi precizjoni r-ragunijiet essenzjali li wasslu sabiex dak li talbet hi gie skartat.*

9. *Illi d-decizjoni tal-ghoxrin (20) ta' Gunju 2012 (Dok B) ma ssemmi ebda raguni bhala motivazzjoni l-ghaliex it-talba tal-esponenti giet michuda, u ghalhekk tali nuqqas ta' raguni u motivazzjoni jmur ukoll kontra d-dritt baziku ta' smiegh xieraq li huwa protett kemm permezz tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll permezz tal-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta), stante illi l-esponenti ma jistax ikollu smiegh gust jekk lanqas biss ikun jaf il-motivazzjoni jew raguni l-ghaliex l-applikazzjoni tieghu giet michuda;*

10. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tal-esponenti kellha tigi milqugha, stante illi huwa jissodisfa l-kriterji rikjesti mill-Artikolu 19 tal-Kap 368 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' regolament numru 4 (3) ta' S.L. 368.01, u cioe li:*

    a. *L-esponenti qieghed jittrasferi r-residenza normali tieghu mill-Germanja ghal Malta,*
    b. *Il-karozza in kwistjoni hija proprjeta` tal-esponenti, ghalkemm kienet registrata fuq il-kumpanija tieghu Modalis Management AG & Cie. KG ghal skopijiet ta' taxxa fil-Germanja, u l-esponenti kien anki jhallas taxxa ta' 12% fis-sena peress li din il-karozza hija kkunsidrata bhala business income fil-Germanja (Dok C),*
    c. *Il-karozza msemmija kienet ilha proprjeta` tal-esponenti ghal izjed minn erbgha u ghoxrin (24) xahar u cioe` minn Dicembru 2007 (Dok D),*
    d. *Il-karozza kienet akkwistata taht il-kundizzjonijiet generali ta' tassazzjoni fil-Germanja,*
    e. *L-esponent twieled u dejjem ghex gewwa l-Germanja,*
    f. *L-applikazzjoni ghal tali ezenzjoni saret hdax-il xahar wara li l-esponenti ttrasferixxa r-residenza permanenti tieghu ghal Malta.*

*Ghaldaqstant jitlob bir-rispett li d-decizjoni tat-Transfer of Residence Exemption Board gewwa l-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment ta' nhar l-ghoxrin (20) ta' Gunju 2012 hekk kif komunikata lir-rikorrent permezz tal-ittra li ggib l-istess data (Dok B) tigi revokata u minflok, l-applikazzjoni tal-appellant sabiex jigi ezentat mill-hlas tat-*

*taxxa ta' registrazzjoni stante t-trasferiment ta' residenza mill-Germanja ghal Malta ai termini tal-Art 19 tal-Kap 368, tigi milqugha b'mod definittiv."*

Ra r-risposta tal-**Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment**ipprezentata fl-10 ta' Awwissu 2012 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

*"Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda kontra tieghu stante illi ma jikkwalifikax ghal ezenzjoni minn hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni ai termini tal-Kap 368 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi mid-dokumenti esebiti mal-applikazzjoni rrizulta illi l-vettura hija registrata fuq is-socjeta' Modalis Management AC-CIE u mhux fuq l-appellant personalment, u dan kif ser jigi spjegat fid-dettal lil dan it-Tribunal fil-mori tal-proceduri."*

Ra r-risposta ta' **l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta** ipprezentata fl-20 ta' Awwissu 2012 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

*"*

1. *Illi in linea preliminari, l-Awtorita` esponenti m'hijiex il-legittimu kontradittur f'din il-kwistjoni u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u dana peress illi kwalunkwe decizjoni mehuda in konnessjoni mal-applikazzjoni tar-rikorrenti in kwantu jirrigwarda l-helsien tal-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni tittiehed unikament mill-Ministeru responsabbli mil-Finanzi u dana skont il-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 (Regoli dwar Ezenzjoni mit-Taxxa tar-Registrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur) u inoltre l-Awtorita` esponenti m'ghandha ebda sehem la fil-konsiderazzjonijiet u lanqas fid-decizjonijiet ta' tali talbiet ghall-ezenzjoni.*

2. *Illi sussidjarjament u bla pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dana peress illi d-decizjoni in kwistjoni hija legali, gusta u ghandha tigi kkonfermata."*

Sema' x-xhieda tar-rikorrent,[1] ta' Andrea Schultheis[2] u ta' Thomas Fox;[3]

Ra l-affidavit ta' Daniel Ziska;[4]

Sema' t-trattazzjoni mid-difensuri tal-partijiet;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Ra n-noti tal-Ministru intimat u tar-rikorrent;

---

[1] A fol. 41A sa 41E
[2] A fol. 64
[3] A fol. 69 sa 70
[4] A fol. 58 sa 59

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ipproceda bir-rikors odjern wara li hassu aggravat b'decizjoni tat-*Transfer of Residence Exemption Board* (iktar 'il quddiem imsejjah "il-Bord") datata 20 ta' Gunju 2012 li permezz taghha gie nfurmat bis-segwenti:-

*"Reference is made to your application for an exemption under article 19 of the Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Cap. 368) (Transfer of Residence) and Regulation 4 of the Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (LN 6 of 2012)*

*Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Legal Notice 6 of 2012 under rule 4(3)(a)"*[5]

Illi **r-rikorrent** xehed illi huwa kien twieled fil-Germanja u kien jghix fl-istess pajjiz sas-sena 2011. Jghid li fil-Germanja huwa u terza persuna iffurmaw Kumpanija u xtraw vettura f'isem l-istess Kumpanija ghalkemm l-istess vettura kienet tintuza ukoll ghal skopijiet privati. Jispjega li dan sar biex jibbenefikaw minn mizura ta' taxxa. Jghid li f'nofs is-sena 2011 hu u l-familja tieghu iddecidew li jigu jirrisjedu hawn Malta u maghhom gabu wkoll il-vettura in kwistjoni. Ir-rikorrent esebixxa wkoll numru ta' dokumenti li juru illi huwa kien residenti gewwa l-Germanja qabel beda jirrisjedi hawn Malta, li huwa kellu hamsin fil-mija tal-Kumpanija, l-*invoice* ta' meta nxtrat il-vettura in kwistjoni u wkoll dokumenti tal-assikurazzjoni tal-istess gewwa l-Germanja u wkoll dokument tal-*accountant* tar-rikorrent li jispjega kif japplikaw ir-regoli tat-taxxa gewwa l-Germanja.

**Daniel Ziska** xehed illi huwa konsulent certifikat dwar kwistjonijiet ta' taxxa gewwa l-Germanja. Jghid li fis-17 ta' Novembru 2004 ir-rikorrent kien waqqaf il-Kumpanija bl-isem ta' MODALIS Management AG & Cie. KG flimkien ma' Thomas Fox b'ishma indaqs bejniethom. Jistqarr illi fit-12 ta' Frar 2008 ir-rikorrent xtara vettura tat-tip Mercedes G320 CDI u rregistraha f'isem il-Kumpanija ghall-uzu professjonali u privat tieghu. Il-*partner* l-iehor ukoll irregistra vettura ohra ghall-uzu tieghu. Jispjega illi skond il-Kodici tat-Taxxa Germaniz, proprjetarju li jkollu vettura ghall-uzu professjonali u privat irid ihallas taxxa addizzjonali fuq id-dhul stante li jkun qed juza l-vettura ghall-uzu privat ukoll. Jghid li in kwantu ta' taxxa

[5] A fol. 44

ir-rikorrent kien qed jigi ntaxxat bl-istess modu manjiera daqs li kieku hu kien il-proprjetarju tal-istess vettura.

**Andrea Schultheis,** mart ir-rikorrent, xehdet illi meta kienu l-Germanja l-vettura kienet tintuza principalment ghall-uzu privat taghhom. L-istess baqghu jaghmlu meta nizlu Malta. Tghid li l-vettura kienet, u ghadha, registrata f'isem il-Kumpanija.

**Thomas Fox** xehed illi huwa l-*business partner* tar-rikorrent u li kellhom vettura kull wiehed li kienu gew registrati f'isem il-Kumpanija. Jghid li huma xtraw il-vettura f'isem il-Kumpanija peress li hemm certi beneficcji fejn tidhol l-assigurazzjoni tal-istess. Jghid li l-vetturi kienu jintuzaw principalment ghall-uzu personali. Jghid li l-Kumpanija illum il-gurnata m'ghadhiex tezisti u filwaqt li r-rikorrent nizzel il-vettura tieghu hawn Malta, huwa ta l-vettura lil bintu. Mistoqsi jekk allura l-vettura tar-rikorrent ghadhiex tappartjeni lill-Kumpanija, ix-xhuda wiegeb li ma kienx jaf jekk ir-registrazzjoni tal-bdil tal-proprjetarju kinitx saret jew le.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent jishaq fir-rikors promutur illi d-decizjoni appellata hija nulla u bla effett fil-ligi u dan principalment peress li hija nieqsa minn kull motivazzjoni u ghalhekk ma tikkonformax mal-principji tal-gustizzja naturali.

Illi lil hinn minn kull kwisjtoni fil-mertu, it-Tribunal huwa tal-fehma li ghandu l-ewwel u qabel kollox jindirizza din il-lanjanza minghajr pero` m'hu se jidhol fl-isfera tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem peress li m'ghandux il-kompetenza li jaghmel dan.

Illi bid-decizjoni tal-20 ta' Gunju 2012, riportata aktar `il fuq, ir-rikorrent gie mgharraf illi l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni ma kinitx qed tigi milqugha abbazi ta' Regolament 4 (3) (a) tal-Avviz Legali 6 tal-2012. Illi c-citat Regolament jghid is-segwenti:-

*"Biex vettura tkun tista' tikkwalifika għal eżenzjoni taħt is-subregola (1) – (a) hija trid tkun ilha reġistrata f'isem l-individwu li jkun qiegħed jittrasferixxi r-residenza normali tiegħu għal perjodu ta' mhux inqas minn erbgħa u għoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tiegħu għal Malta u tkun għadha hekk reġistrata meta l-vettura tiġi mpurtata jew miġjuba f'Malta;"*

Illi ghalhekk dan ir-Regolament fih zewg rekwiziti li trid tissodisfa persuna li tkun qed tapplika ghall-ezenzjoni u cioe`:-

**1. li l-vettura tkun ilha registrata f'isimha ghal perjodu ta' mhux inqas minn erbgha u ghoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza taghha ghal Malta, u,**

**2. tkun ghadha hekk registrata meta l-vettura tigi impurtata jew migjuba f'Malta.**

Illi dan it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak rilevat minn H.W.R. Wade u C.F. Forsyth fil-ktieb "Administrative Law" (10th Edition) fejn jinghad illi "*the principles of natural justice do not, as yet, include any general rule that reasons should be given for decisions. Nevertheless there is a strong case to be made for the giving of reasons as an essential element of administrative justice. The need for it has been sharply exposed by the expanding law of judicial review, now that so many decisions are liable to be quashed or appealed against on grounds of improper purpose, irrelevant considerations and error of law of various kinds. Unless the citizen can discover the reasoning behind the decision, he may be unable to tell whether it is reviewable or not, and so he may be deprived of the protection of the law. A right to reasons is therefore an indispensable part of a sound system of judicial review. Natural justice may provide the best rubric for a healthy discipline for all who exercise power over others. … Given that statute now frequently requires reasons or it is clear that the common law requires reasons, disputes often concern whether the reasons given are adequate. In the leading case the House of Lords has said that: "The reasons for a decision must be intelligible and they must be adequate. They must enable the reader to understand why the matter was decided as it was and what conclusions were reached on the 'principal important controversial issues', disclosing how any issue of law or fact was resolved. Reasons can be briefly stated, the degree of particularity required depending entirely on the nature of the issues falling for decision. The reasoning must not give rise to a substantial doubt as to whether the decision-maker erred in law, for example by misunderstanding some relevant policy or some other important matter or by failing to reach a rational declaration on relevant grounds. But such adverse inference will not readily be drawn. The reasons need refer only to the main issues in the dispute, not to every material consideration … Decision letters must be read in a straightforward manner, recognizing that they are addressed to parties well aware of the issues involved and the arguments advanced* [South Bucks District Council v. Porter (No.2) (2004) UKHL 33, (2004)]."[6]

Ghalkemm dan il-principju gie enuncjat fid-Dritt Amministrattiv Ingliz, dan it-Tribunal huwa tal-fehma li japplika wkoll ghas-sistema amministrattiva lokali. Ghalhekk ikun ferm siewi li d-decizjoni tal-Bord titfa' dawl fuq is-sustanza tar-rifjut u mhux semplicement taghmel referenza ghal Regolament, liema Regolament f'dan il-kaz kellu zewg ragunijiet li setghu wasslu lill-Bord jasal ghad-decizjoni tieghu. Ghalhekk, kif gia inghad, huwa awspikabbli li r-raguni specifika fuq liema dik id-decizjoni tkun ibbazata tigi indikata b'mod li ma jhalli l-ebda dubju f'mohh dak li jkun irid jappella mill-istess decizjoni.

---

[6] Chap.14 The Right to a Fair Hearing – pg. 436, 439 u 440.

Illi issa fil-kaz in kwistjoni, kif gia inghad,  dan it-Tribunal jista' jinnota mill-inqas zewg ragunijiet li jaghtu lok ghar-rifjut tal-ezenzjoni fir-Regolament 4 (3) (a) citat fid-decizjoni appellata.  Dawn iz-zewg ragunijiet jistghu ikunu kemm kumulattivi, u cioe` l-applikant ma jkun issodisfa l-ebda kriterju, jew inkella jista' jkun li l-applikant ma jkunx issodisfa xi wiehed biss mill-kriterji rikjesti. Ghalhekk dan it-Tribunal jerga' jenfasizza li jkun xieraq li l-Bord ikun aktar specifiku meta jigi biex jirrifjuta applikazzjoni u ma jaghmilx  biss referenza generika ghall-artikolu tal-ligi bhala l-bazi tar-rifjut tieghu.

B'danakollu, dan it-Tribunal ma jhossx li d-decizjoni odjerna ghandha tigi revokata peress li jidher li r-rikorrenti fehem sew il-bazi tar-rifjut tal-applikazzjoni, pero` huwa xieraq li decizjoni ta' rifjut mahruga mill-Bord tkun iktar specifika u informattiva milli jigi indikat biss taht liema Regolament giet rifjutata l-applikazzjoni.

Sorvolata din il-kwistjoni, it-Tribunal sejjer issa jitratta l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata, u cioe` li l-istess Awtorita` mhix il-legittimu kontradittur f'din il-kawza u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u dana peress li l-applikazzjoni giet deciza mill-Ministeru responsabbli mill-Finanzi u mhux mill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta.

Illi t-Tribunal jirrileva illi huwa car daqs il-kristall li l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u l-Ministeru Ghall-Finanzi huma zewg entitajiet separati u distinti minn xulxin. L-entita` li skond il-Ligi hija mghonija bil-poter li takkorda l-ezenzjoni mit-taxxa tar-registrazzjoni ta' vetturi huwa l-Ministru ghall-Finanzi, liema poter gie delegat lit-*Transfer of Residence Exemption Board* permezz ta' artikolu 19 (2) (d) tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 10 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01. L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta m'ghandha l-ebda poter tiddeciedi jekk vettura tikkwalifikax jew le ghall-ezenzjoni pero` l-istess Awtorita` trid timxi abbazi ta' dak deciz mill-imsemmi Bord. Ghaldaqstant, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Awtorita` intimata ghandha ragun fl-ewwel eccezzjoni taghha u ghalhekk se jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju ghal dak li ghandu x'jaqsam mad-decizjoni tar-rifjut tal-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura in kwistjoni.

Illi sorvolata din il-kwistjoni, it-Tribunal se jinvesti l-mertu proprju, u cioe` jekk il-Bord kienx gustifikat fir-rifjut tieghu abbazi tal-fatt li l-vettura ma kinitx registrata f'isem ir-rikorrent izda f'isem Kumpanija li r-rikorrent ghandu nofs l-ishma taghha.

Illi ai termini tac-citat Regolament 4 (3) (a) il-vettura li tkun qieghdha tintalab l-ezenzjoni ghaliha trid tkun ilha registrata f'isem l-applikant ghal perjodu ta' mhux inqas minn erbgha u ghoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tieghu f'Malta u tkun ghadha hekk registrata. Illi mill-atti, u anke mix-xhieda tal-istess rikorrent, jirrizulta illi ma hemmx kontestazzjoni li l-vettura qatt ma kienet registrata f'isem ir-rikorrent imma kienet registrata f'isem is-socjeta` kummercjali MODALIS Management AG & Cie. KG, liema socjeta` hija, jew kienet, proprjeta` f'ismha indaqs tar-rikorrent u ta' Thomas Fox. Illi r-rikorrent, madankollu, isostni li l-Bord xorta wahda kellu jqis b'mod favorevoli l-applikazzjoni tieghu peress li l-vettura principlament tintuza minnu u l-familja tieghu ghall-uzu privat taghhom.

Illi wara li ghamel apprezzament kemm tax-xhieda u kemm tad-dokumenti sottomessi, dan it-Tribunal ma jista' jsib xejn x'jiccensura mid-decizjoni appellata. Il-legislatur ried li l-vettura migjuba Malta tkun **registrata f'isem l-persuna li tkun hadet ir-residenza taghha f'Malta**. Huwa ferm ovvju li l-vettura in kwistjoni qatt ma kienet registrata f'isem ir-rikorrenti – fattur dan li jirrendi lir-rikorrenti f'posizzjoni li ma jikkwalifikax biex jigi koncess l-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni. Li kieku dan it-Tribunal kellu jaghti interpretazzjoni ohra lill-provvediment tal-ligi relattiv ikun qieghed jikkontorta dak li l-legislatur kellu f'mohhu, apparti li jkun qieghed jiftah bieb ghall-abbuz. Ghalhekk, filwaqt li t-Tribunal jissimpatizza mar-rikorrenti ghaliex jista' jifhem li kien hemm forsi xi beneficcji fil-Germanja ghala ghazel li jirregistra l-vettura f'isem il-Kumpanija, ma jistghax jinterpreta d-dettami tal-ligi ghajr kif logikament iridu u ghandhom jigu interpretati. Illi ma hemmx ghalfejn hafna delungar fuq il-fatt li socjeta` ghandha personalita` guridika distinta minn dik tal-ishmatarji u/jew diretturi taghha u ghalhekk ir-rikorrent u s-socjeta` ma jistghux guridikament u legalment jitqiesu bhala persuna wahda.[7]

Ghaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Bord kien korrett meta irrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrenti abbazi tal-fatt li l-vettura in kwisjtoni ma kinitx ilha registrata fuq ismu ghal tal-inqas erba' u ghoxrin xahar qabel ha r-residenza tieghu hawn Malta u lanqas ma kienet hekk registrata meta giet impurtata f'Malta.

[7] Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' dan it-Tribunal diversament presjedut fl-ismijiet **Bengt Christer Jansson et. Vs The Honourable Minister, Ministry for Finance, Economy and Investment** deciza fis-6 ta' Marzu 2012

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija filwaqt li qieghed jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata u jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju, qieghed jilqa' wkoll l-eccezzjonijiet tal-Ministru intimat u jichad l-appell tar-rikorrent mid-decizjoni tal-20 ta' Gunju 2012.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**